# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 t'Ottubru, 2018**

**Rikors Numru : 553/2013 JPG**

**Kawza Numru : 1**

**George Muscat (ID 429749)**

**Vs**

**Jonathan Pace (ID 277083M) u Melanie Pace (ID 650082M) ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' George Muscat, datat 6 ta' Gunju 2013, fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi permezz ta' skrittura datata sebgha u ghoxrin Frar tas-sena elfejn u tlettax (27.02.2013) l-intimat ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur a favor ir-rikorrenti ghas-somma ta' mija u tmenin elf Ewro (€180,000) kif jirrizulta mil-iskrittura anness mal-prezenti u markata bhala (Dok.GM 1);*

*Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex jeffetwa l-hlas relattiv, l-intimat, baqa' inadempjenti;*

*Illi l-ammont dovut mil-intimati huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament ta' l-istess;*

*Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza;*

*JGHID ghalhekk l-intimati il-ghaliex, dina l-Qorti ma ghandiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi, u in vista ta' l-affidavit guramentat u hawn unit u market Dok.GM 2*

*TIKKUNDANNA lil intimati ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' mija u tmenin elf Ewro (€180,000) u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikoli 167 et seq tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali mil-prezentata ta' dawn il-proceduri sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subbizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru, 2013, fejn il-Qorti ordnat lil attur biex jipprezenta s-sentenza tal-Imhallef Joseph Zammit McKeon li ppronunzja l-falliment ta' Jonathan Pace. (Vide fol 15)

Rat ir-rikors ta' Melanie Pace ID 650082M, datat 15 ta' April 2014, a fol 29 et seqq li jaqra hekk:

*Illi hija giet infurmatha b'din il-kawza minn l-avukat taghha li kienet saret taf b'din il-kawza wara li giet imsejha mill-Qorti fis-seduta precedenti.*

*Illi meta hija giet notifikata bir-rikors guramentat zewgha l-intimat l-iehor assiguraha li ser jiehu hsieb biex l-avukat tieghu Dr Joseph Zammit Maempel jaghmel risposta ghan-nom ta' tnejn.*

*Illi mill-atti jirrizulta li effettivament zewgha wiegeb ghan-nom tieghu biss u mhux ukoll ghan-nom ta' martu kif assiguraha li ser jaghmel .*

*Gara li kien biss wara li zewgha ingabar mill-pulizija li hija saret taf bid-dejn li ghandu zewgha li fil-frattempt telaq mid-dar matrimonjali u qed jghix band ohra liema indirizz zewgha ghadu sal-lum ma jridx jiprovdihulha.*

*Illi ghalhekk hija tixtieq li tiggustifika l-kontumacja taghha u qed titlob lil Qorti biex tilqa t-talba taghha u taghtiha zmien biex timpunja l-giljottina.*

*Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-**16 ta' Frar 1996 fl-ismijiet Carmelo Bugeja vs Mary Xebba Farrugia:***

*Il-prinipji legali in subjecta materja huma traccjati fi skorta ta' decizjonijiet bazikament u essenzjalment il-kontumacja:*

*Ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja (Vol XXXVI pI p384)*
*Jew jekk kienet kolpuza ("George Debono vs Romeo Schembri" app Kumm 4 ta' frar 1972*

*Biex jista jinghad li hemm gustifikazzjoni:*

*Trid tigi pruvata gusta kawza ("Paul Grixti vs direttur tax-Xogholijiet Pubblici" app.Civ. 12 ta' dicembru 1975);*

*Kawza gusta trid tikkonsisti f'impediment legittimu (Vol. XXXVIII p.I p.393).*

*Biex ikun legittimu l-impediment irid ikun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci (Vol. XLII p I p 811; Vol XXIX p I p1581;*

*Illi l-esponenti dak iz-zmien tac-citazzjoni hija kienet giet assigurata minn zewgha li ha hsieb jirrispondi l-kawza ghan-nom taghha wkoll u kien ghalhekk li hija ma rrispondietx fit-terminu moghti lilha mil-ligi. Kien biss meta l-avukat taghha ordnat kopja tal-process li skopriet li l-avukat tar-ragel kien irrisponda ghar-ragel taghha biss u mhux ghaliha wkoll.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett sabiex din il-Qorti joghgobha tilqa t-talba tal-attrici cioe li l-kontumacja hija gustifikata u taghtiha zmien biex*

*timpunja l-giljottina.*

Rat ir-risposta ta' l-attur George Muscat, datata 13 ta' Mejju 2014, ghar-rikors ta' Melanie Pace, a fol 33 et seqq, li taqra hekk:

***Illi** permezz tar-rikors odjern l-intimata Melanie Pace qed tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha;*

***Illi** in materja gie ritenut: "...Il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta' fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita' tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod restrittiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa.[1]"*

***Illi** gie ulterjorment ritenut illi, "Min-naha wahda l-Qorti trid ikollha konvinciment morali ta' l-aspett negattiv tal-konvenut, sabiex jigi osservat il-principju 'audi partem' u min-naha l-ohra ma jridx <u>ikun hemm negligenza tal-parti</u>[2] jew tal-mandatorju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire."*

*...........fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa anki ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata.*

*Il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut huma s-segwenti:-*

1. *Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.*

2. *Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.*

[1] Qorti ta' l-Appell Superjuri 28 ta' Jannar 2005 Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited.
[2] Sottolinear ta' l-esponenti

3. *Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.*

4. *Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu.*

5. *L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.*

6. *L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.*

7. *Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necesita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibbli."*

8. *L-impossibbilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*[3]

***Illi*** *fir-rikors odjern ir-rikorrenti Pace lanqas fl-umli fehma ta' l-esponenti, remotament ma tipprova jiggustifika l-inadempjenza taghha jew jivvanta xi raguni plawsibbli serja u gravi li turi li ma kiens hemm negligenza u/jew inadempjenza da parti taghha u di piu' impediment legittimu;*

***Illi*** *ghandu jinghad illi r-rikorrenti ma vantatx li rriskontrat xi diffikolta sabiex tifhem l-portata tar-rikors guramentat minnha ricevuta jew il-portata tat-twissija fl-ewwel pagna. Ghazlet li toqoghod fuq l-allegat dikjarazzjoni ta' zewgha li maghha ma ghadhiex f'relazzjoni tajba anzi jabitaw separatament, li qallha skond hi, li ser imur ikellem avukat li kien qed jassistiha fi procedura ohra fil-qrati pendenti qabel il-presentata ta' l-azzjoni odjerna. Lanqas ma ghazlet li tidher il-Qorti f'xi wahda mill-**erba'** seduti li saru wara n-notifika taghha.*

***Ghalhekk*** *it-talba ghandha tigi respinta.*

[3] Prim Awla tal-Qorti Civili 10 ta' Ottubru 2003 CAUSON MYRIAM vs FALZON NICHOLAS

Rat it-twegiba mahlufa ta' Melanie Pace (KI Numru 650082M), datata 14 ta' Lulju 2014, a fol 37, li taqra hekk:

*Tghid bil-qima u tewttaq billi tahlef:*

*Illi qabel xejn billi l-konvenut ewlieni Jonathan Pace – zewg l-esponenti ghalkemm illum mifrudin de jure – huwa ga dikkjarat fallut, tqum il-kwistjoni jekk din il-kawza tistax triegi;*

*Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju kwalsiasi l-esponenti ma tissemmiex u wisq anqas iffirmat l-iskrittura Dok GM 1 a fol 3 tal-process, li lanqas biss kienet taf biha. L-esponenti m'ghandha taghti xejn lill-attur George Muscat.*

*Ghal daqshekk it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti ghandhom ikunu michuda bl-ispejjes kontra tieghu.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**George Muscat** xehed permezz ta' affidavit a fol 4 illi fis-27 ta' Frar 2013 kien iffirma skrittura privata mad-defunt Jonathan Pace, fejn Pace kien obbliga ruhu li jhallsu s-somma ta' €180,000 sal-31 ta' Mejju 2013, liema skrittura giet iffirmata fil-presenza ta' Anton Schembri u l-avukat tax-xhud. Qal illi minkejja li interpella lil Pace diversi drabi, huwa ghadu ma thallasx l-ammont patwit, u kien ghalhekk li kellu jistitwixxi dawn il-proceduri.

Xehed ukoll a fol 107 *et seqq* illi c-cekkijiet prezentati minnu kien inhargu minn Jonathan Pace, u huwa globalment fis-somma ta' circa €187,000. Xehed illi fil-bidu ic-cekkijiet li kien jaghtih Jonathan Pace kienu jissarrfu, pero imbaghad ma bdewx jigu onorati. Spjega illi c-cekkijiet kollha prezentati huma dawk li ma ma kienux gew onorati, li jirraprezentaw bilanc minn ammont akbar li kien dovut minn Pace.

**In kontro-ezami** a fol 177 *et seqq* u b'referenza ghall-iskrittura, u mistoqsi sabiex jispjega x'kien jirraprezenta l-ftehim u l-ammont indikat, xehed illi din l-iskrittura tirraprezenta d-dejn li ghandhom l-intimati, li ffirmaw fuq l-iskrittura. Meta rega' gie mistoqsi x'jirraprezenta dan l-ammont wiegeb "*Mhux il-flatsijiet li bieghejnilu"* b'referenza ghall-appartamenti f'Haz Zabbar. Xehed illi din l-isrkittura kienet saret fid-dar tal-intimati, u li Melanie Pace kienet prezenti meta saret. Mistoqsi "*Jekk nghidlek li ma kienetx"* wiegeb "*M'hemmx il-kuntratt"* b'referenza ghall-kuntratt ta' komprovendita tal-appartamenti f'Haz Zabbar. Mistoqsi jekk il-bejgh ta' dawn l-appartamenti sarx bil-bank wiegeb fin-negattiv, izda specifika li sar quddiem nutar u li Melanie Pace kienet prezenti. Xehed illi l-pretensjoni maghmula f'din il-kawza tirraprezenta d-dejn li baqa' fuq dak li nbiegh.

Riprodott in kontro-ezami a fol 200 ikkonferma li l-flus li qed jitlob f'din il-kawza huwa ghal appartamenti li nbieghu permezz tal-kuntratt ta' komprovendita esebit a fol 190 *et seqq*.

**In re-ezami** a fol 201 rega qal illi l-pretensjoni dedotta f'din il-kawza tirrigwarda l-appartamenti li kienu xtraw l-intimati. Mistoqsi sabiex jispjega allura kif fil-kuntratt esebit hemm imnizzel illi l-prezz thallas kollu qal illi "*Konna bieghejniehomlu lil dan u kien hallas xi haga biex ghamilna l-ispejjez."* Qal illi c-cekkijiet esebiti kienu tax-xogholijiet li kienu saru fl-appartamenti, li ma kienux issemmew fil-kuntratt.

**Joanna Bartolo** xehdet a fol 113 *et seqq* illi hafna mic-cekkijiet li gew prezentati mir-rikorrent kienu gew kancellati ghaliex lahaq ghada ir-*retention period* ta' hames snin u ghalhekk il-bank m'ghandux iktar *record*. Spjegat li pero ma setghatx tghid ir-raguni ghalfejn dawn ic-cekkijiet gew kancellati. Xehdet illi kien hemm cekkijiet ohrajn li ma gewx onorati, u cekkijiet li ghalkemm inhargu qatt ma ssarfu.

**Melanie Pace** xehdet a fol 121 *et seqq* illi hija ma taf xejn fuq l-iskrittura esebita a fol 3, u saret taf dwarha biss minhabba l-proceduri odjerni. Xehdet li n-negozju meritu tal-proceduri odjerni kien ghamlu r-ragel taghha wahdu mar-rikorrent u lilha hadd qatt ma qalilha fuqu. Qalet li hija qatt ma ltaqat mar-rikorrent.

**In kontro-ezami** a fol 123 *et seqq* ikkonfermat li kienet semghat isem ir-rikorrent qabel din il-kawza, pero qatt ma kienet involuta f'xi negozjat mieghu. Qalet illi pero r-ragel taghha qatt ma qalilha li kellu jaghti l-flus lir-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

L-intimata eccepiet l-ewwel nett illi l-intimati ewlieni, u cioe Jonathan Pace gie dikjarat fallut fil-mori ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk tqum il-kwistjoni ta' hekk din il-kawza tistax tregi.

Il-Qorti rat illi l-proceduri ta' falliment ta' Jonathan Pace kienu bdew fis-17 ta' Gunju 2018, u bid-decizjoni taghha tat-28 ta' Novembru 2013, din il-Qorti diversament presjeduta, kienet iddikjarat illi Jonathan Pace waqaf mill-hlasijiet tieghu fit-12 ta' Nobembru 2013.

Il-Qorti rat illi permezz tad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta' Gunju 2015 dwar il-verifika tal-kredituri, il-Qorti sabet illi l-kreditu tar-rikorrent fl-ammont ta' mija u tmenin elf ewro (€180,000) irrizulta pruvat.

Il-Qorti rat illi ma giex kontestat illi l-ammont reklamat f'din il-kawza huwa l-istess ammont li gie reklamat mir-rikorrent fil-proceduri ta' falliment ta' Jonathan Pace.

Il-Qorti pero taghraf illi f'dawn il-proceduri, r-rikorrent qed jaghmel pretensjoni mhux biss kontra Jonathan Pace, izda kontra l-komunjoni tal-akkwisti li kienet vigenti bejn l-intimati fiz-zmien meta saret l-iskrittura meritu ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti taghraf ukoll illi l-kwistjoni rigward jekk id-dejn in kwistjoni huwiex dovut minn Jonathan Pace personalment, jew mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti bejn il-kontendenti, ma kienetx meritu tal-proceduri tal-falliment ta' Jonathan Pace, u ghalhekk ghada ma gietx deciza.

Fil-fehma tal-Qorti m'huwiex possibli ghalija li tissindika dwar jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti hijiex verament dovuta, peress illi dan il-punt diga gie deciz fil-proceduri ta' falliment. Il-Qorti tqis ukoll illi ma tistghax tikkundanna lil Jonathan Pace ghall-hlas tal-ammont pretiz peress illi l-hlas tal-kredituri tal-istess Pace ghandu jkun skont il-gradwazzjoni tal-kredituri li ser tigi, jew gia giet, stabbilita fil-proceduri ta' falliment. Illi pero, fil-fehma tal-Qorti, peress illi ghadu ma giex stabbilit jekk il-pretensjoni tar-rikorrent hijiex dejn li tal-komunjoni t'akkwisti, jew ta' Jonathan Pace, il-Qorti ghandha tiddetermina t-talba tar-rikorrent, strettament fil-kuntest ta' jekk id-dejn in kwistjoni huwiex wiehed tal-komunjoni tal-akkwisti o meno.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi limitatament michuda, sa fejn dan huwa kompatibbli

ma' dak hawn fuq enuncjat.

**Ikkonsidrat;**

L-intimata eccepiet ukoll illi hija ma tissemmiex, u wisq anqas hija firmatarja tal-iskrittura esebita a fol 3 tal-process, u lanqas ma kienet taf biha u ghalhekk m'hijiex debitrici tar-rikorrent.

Fit-trattazzjoni tieghu, r-rikorrent jikkontendi illi dan huwa zgur dejn tal-komunjoni peress illi hu dovut ghax-xogholijiet li saru f'numru ta' apartamenti u *penthouse* li l-intimati xtraw minghand ir-rikorrent, u m'huwiex dejn relatat man-negozju li kien jiggestixxi Jonathan Pace. Jikkontendi wkoll illi l-intimata Melanie Pace m'hijiex kredibbli ghaliex xehdet illi qatt ma ltaqat mar-rikorrent filwaqt li jirrizulta li fil-verita, kien gie konkluz kuntratt ta' komprovendita bejn il-partijiet, fuq liema hija kienet prezenti.

Minn naha taghha, Melanie Pace tikkontendi illi d-dejn in kwistjoni m'huwiex tal-komunjoni tal-akkwisti ghaliex il-kostituzzjoni ta' debitu a fol 3 ma gietx iffirmata minnha. Targumenta illi l-assunzjoni ta' din l-obbligazzjoni taht il-kostituzzjoni ta' debitu hija att ta' amministrazzjoni straordinarja skont l-Artikolu 1322 (2) tal-Kodici Civili. Ghalhekk tehtieg il-kunsens ta' zewg konjugi, u ghalhekk fin-nuqqas tal-firma ta' Melanie Pace, id-dejn ma jistghax ikun tal-komunjoni. Tikkontendi wkoll, illi dan kien dejn personali ta' Jonathan Pace relatat man-negozju tieghu bl-isem Tyson Butcher, u dan in vista tal-fatt illi c-cekkijiet li gew esebiti inhargu mill-kont ta' Tyson Butcher. Tghid ukoll barra minn hekk, illi l-pretensjoni tar-rikorrent m'hijiex kredibbli peress illi fuq il-kuntratt ta' komprovendita gie ndikat illi l-prezz dovut ghall-proprjeta li kienet qed tinxtara mill-intimati, kien thallas kollu.

Il-Qorti rat illi tezisti presunzjoni fil-ligi li l-beni kollha tal-konjugi jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan skont id-dispositiv tal-Artikolu 1321 (1) tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:

> "***Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra.***"

Ghalhekk, ikun il-konjugi li jkun qed jikkontendi illi xi beni ma jifformawx parti mill-

komunjoni tal-akkwisti li jkun jehtieglu jipprova illi dan huwa filfatt minnu. Illi pero, mhux l-istess jista' jinghad **ghad-djun** tal-konjugi. Dan ghaliex l-Artikolu 1321 (1) jitkellem biss fuq beni, u djun certament m'humiex beni, u lanqas ma hemm xi disposizzjoni ohra tal-ligi li tohloq presunzjoni simili fir-rigward tad-djun kollha tal-konjugi. Filfatt, il-komunjoni tal-akkwisti tista' tbati **biss** id-djun indikati fl-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili.[4]

Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Angela Demarco vs David Demarco et** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003[5]

> "*L-artikolu 1321 (1) tal-Kodici Civili jghid li l-beni kollha tal-mizzewgin jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx pruvat xort'ohra; ma tghidx, u* ***ma hemm ebda disposizzjoni li tghid, li d-djun li jassumi konsorti jkunu prezunti li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti****.*"

Minn dan isegwi illi, fin-nuqqas tal-ezistenza ta' presunzjoni legali illi d-dejn assunt minn konjugi huwa dejn tal-komunjoni, jinkombi fuq il-kreditur illi jressaq prova sufficjenti illi d-dejn reklamat minnu hija responsabbli ghalih il-komunjoni tal-akkwisti u mhux dak il-konjugi personalment.

Bejn il-partijiet m'hemmx qbil rigward liema artikolu huwa applikabbli f'dan il-kaz. Ir-rikorrent jikkontendi illi dan ma kienx dejn illi Jonathan Pace assuma ghan-negozju tal-laham li kellu u ghalhekk, skont r-rikorrenti, huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Minn naha l-ohra, l-intimata tikkontendi illi l-assunzjoni ta' dan id-dejn tissarraf f'att ta' **amministrazzjoni staordinarja** u illi d-dejn jirrelata man-negozju gestit minn Jonathan Pace peress illi c-cekkijiet esebiti mir-rikorrent, kienu kollha mill-kont intestat f'isem in-negozju ***Tyson Butcher.***

Il-Qorti tqis illi qabel xejn ikun utli illi tezamina x-xhieda tal-partijiet, li taw verzjoni diversa tac-cirkostanzi tal-pretensjoni tar-rikorrent, sabiex tiddetermina liema wahda minn dawn il-verzjonijiet hija kredibbli.

Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-

---

[4] Vide f'dan is-sens **Theresa Caruana vs Anna Caruana,** Qorti tal-Appell Inferjuri, deciza 25 ta' Novembru 2015.
[5] Ikkonferma mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Gunju 2007.

> ***"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*** [6]

Inghad ukoll illi:

> ***"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja."*** [7]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

1. ***Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u***
2. ***Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*** [8]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-

---

[6]**Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966.
[7]**Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980.
[8]M**aria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza 24 ta' Marzu 2004.

soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[9]

L-intimata xehdet illi hija ma kienet taf b'xejn dwar il-pretensjoni tar-rikorrent qabel ma rcievet kopja tar-rikors promotur tar-rikorrent. Ir-rikorrent minn naha l-ohra, jikkontendi illi mhux talli l-intimata kienet konsapevoli dwar il-kostituzzjoni ta' debitu ffirmata minn Jonathan Pace (fol 3), izda talli din l-iskrittura kienet giet iffirmata proprju fir-residenza tal-konjugi Pace, fil-presenza tal-intimata stess.

Ir-rikorrent jikkontendi illi l-intimata pero m'hijiex kredibbli ghaliex ghalkemm qalet li lilu ma tafux, fil-verita kienu dehret mar-ragel taghha fuq kuntratt ta' komprovendita, fejn hu kien il-venditur. Il-Qorti pero ma taqbilx illi dan il-fatt wahdu jimmina serjament il-kredibbilta tal-intimata. Il-Qorti semghat lill-intimata tixhed illi zewgha kien ihalliha barra minn kull negozjat li kien jaghmel, u li ma kien juriha b'xejn. Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiskarta din ix-xhieda. Ghalhekk m'huwiex irragonevoli li wiehed jemmen li l-intimata ma ftakritx jew m'gharrfitx lir-rikorrent. Ikkonsidrat illi fl-isfond tal-fatti migjub quddiem din il-Qorti, huwa wisq probabbli illi l-intimata kienet sempliciment rat lir-rikorrent dik il-gurnata li ffirmaw il-kuntratt ta' komprovendita, u ghalhekk, snin wara ma gharrfituhx. Il-Qorti tinnota illi filfatt l-intimata ma qalitx illi lir-rikorrent qatt ma kienetx semghat bih, izda anzi qalet illi gieli kienet semghat lir-ragel taghha isemmi lil certu George Muscat. Dak li qalet kien sempliciment li lir-rikorrent ma tafux. Il-fatt illi kienet dehret darba fuq kuntratt mar-rikorrent, meta n-negozjati kien jiehu hsiebhom kollha zewgha ad eskluzjoni taghha, u ghalhekk qatghet forsi siegha fil-presenza tar-rikorrent, ma jirrendix implawsibbli il-verzjoni tal-intimata meta xehdet illi lir-rikorrent ma tafux.

Minn naha l-ohra, il-Qorti ghandha dubbji serji rigward il-kredibbilta tar-rikorrent. Il-Qorti tinnota illi r-rikorrent kien evaziv fir-rigward tal-**origini** tal-pretensjoni tieghu. Inizjalment ma ta l-ebda spjegazzjoni rigward ic-cirkostanzi li taw lok ghall-iffirmat tal-kostituzzjoni ta' debitu li hija l-bazi tal-pretensjoni tieghu. Meta gie mistoqsi sabiex jispjega l-origini tad-dejn dovut lilu mil-avukat difensur tal-intimat, qal illi dan l-ammont kien dovut ghal xi appartament li l-konjugi Pace kien xtraw min ghandu. Din il-verzjoni rega irrepetiha meta gie riprodott biex jixhed in kontro-ezami. Affacjat pero bil-kuntratt ta' komprovendita li jistipola illi l-prezz

[9] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza 19 ta' Mejju 2015.

dovut għall-appartmanenti **kien qiegħed jiġi mħallas *in toto* fuq il-kuntratt**, biddel il-verżjoni tiegħu u qal illi l-ammont fuq il-kostituzzjoni ta' debitu jirrifletti xogħolijiet li għamel fuq l-istess appartamenti. Dan apparti l-fatt illi r-rikorrent lanqas biss qal kemm kien l-ammont originarjament dovut, izda llimita ruħhu jgħid biss illi l-ammont dovut originarjament kien akbar, izda li Jonathan Pace kien onora xi ħlasijiet.

Inkonsistenza oħra fit-testimonjanza tar-rikorrent tirrigwarda l-kuntratt ta' komprovendita tal-appartamenti li l-intimati xtraw mingħandu. Fix-xhieda tiegħu ir-rikorrent jgħid li ma kienx hemm involviment ta' bank f'dan in-negozju. Illi pero, mill-istess kuntratt ta' komprovendita jirrizulta illi l-kuntratt kien gie ffirmata fil-binja ta' Bank of Valletta, u għalhekk huwa kemmxejn inverosimili illi ma kienx involviment ta' xi bank f'dan in-negozju.

Apparti l-kwistjoni tat-tibdil tal-verzjonijiet, il-Qorti tqis illi huwa assolutament inverosimili illi l-ammont reklamat mir-rikorrent kien dovut għax-xogħolijiet li saru fl-appartamenti mibjugħa minnu. Fil-fehma tal-Qorti, huwa verament improbabbli illi x-xogħolijiet li allegatament kellhom isiru fl-appartamenti kienu jiswew kwazi daqs l-appartamenti innifishom, jekk mhux aktar, ikkonsidrat illi l-Qorti ma gietx informata kemm kien l-ammont originarjament dovut. Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda tar-rikorrenti mhux biss m'hijiex kredibbli jew verosimili, izda anzi tqajjem suspetti serji rigward in-natura attwali tad-dejn allegat, specjalment ikkonsidrat ir-riluttanza tiegħu li jizvela l-isfond fattwali tal-pretensjoni tiegħu, haga li wara kollox hija rikjesta minn kull rikorrent, għaliex *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

Il-Qorti tirrileva illi anke jekk kellha tinjora n-nuqqas ta' affidabbilita tar-rikorrent, u l-inverosimiljanza tal-verzjoni tiegħu, il-pretensjoni tiegħu kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-intimati xorta waħda hija legalment infondata. Kieku kellha tigi accettata l-verzjoni tar-rikorrent illi l-ammont dovut huwa għax-xogħolijiet illi saru fl-appartamenti mixtrija mill-intimati, dan id-dejn ikun jaqa' taħt l-Artikolu 1327 (b) tal-Kodici Civili, li jipprovdi illi:

> "*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:*
>
> ***l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni tal-akkwisti, <u>ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-</u>***

***<u>kunsens tal-parti l-oħra</u>***;"

Kif jidher minn qari ta' dan l-artikolu ghalhekk, jekk l-ispejjez jew l-obbligi in kwistjoni jsiru b'atti t'amministrazzjoni straordinarja, dawn ma jkunux djun tal-komunjoni tal-akkwisti, anke jekk ikunu saru ghall-amministrazzjoni tal-akkwisti, **jekk ma jkunx hemm il-kunsens taz-zewg partijiet.**

Fil-fehma tal-Qorti, l-iffirmar tal-kostituzzjoni ta' debitu a fol 3, dato non concesso, li l-Qorti taccetta li l-bazi taghha huma x-xogholijiet li r-rikorrent allegatament ghamel fl-appartamenti mixtrija mill-intimati, jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja, ai termini tal-Artikolu 1322 (3) (c), skont liema, huwa att ta' amministrazzjoni staordinarja:

> "***akkwist ta' proprjetà mobbli jew ta' xi jedd ta' użu jew tgawdija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tiegħu ma jitħallasx mal-konsenja jew qabel:***
>
> ***Iżda dan ma japplikax għal xi dejn magħmul għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 1327(ċ), jew għall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tiegħu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familjau l-kirja tkun għal żmien qasir;***"

Jekk tigi emnuta l-verzjoni tar-rikorrent, il-proviso ta' dan il-paragrafu ma japplikax, peress illi l-ammont allegatament dovut la huwa ghall-kiri ta' xi mobbli jew imobbli, u lanqas jirrizulta li kien maghmul ghall-htigijiet tal-familja, ikkonsidrat illi l-proprjeta in kwistjoni lanqas biss kienet id-dar matrimonjali tal-familja Pace.[10]

Ghalhekk, bhala att ta' amministrazzjoni staordinarja, id-dejn li johrog mill-kostituzzjoni ta' debitu li tifforma l-bazi tal-pretensjoni tar-rikorrent jista' jkun dejn tal-komunjoni biss jekk iz-zewg intimat taw il-kunsens taghhom ghall-iffirmar ta' dik il-kostituzzjoni ta' debitu, u dan ai termini tal-Artikolu 1327 (b) tal-Kodici Civili.

Il-Qorti rat illi m'huwiex kontestat illi fuq il-kostituzzjoni ta' debitu li saret bejn ir-rikorrent u Jonathan Pace, Melanie Pace ma dehritx u ma ffirmatx. Ir-rikorrent izda jikkontendi illi filfatt Melanie Pace kienet konsapevoli ta' din l-iskrittura peress illi kienet giet iffirmata fid-dar tal-

[10] Vide f'dan is-sens **Mark Theuma vs Emanuel Vella et,** Qorti tal-Appell, deciza 6 ta' Frar 2015.

intimati, fil-presenza ta' Melanie Pace. Fl-affidavit tieghu pero jghid illi "*Din l-iskrittura giet iffirmata fil-presenza ta' Anton Schembri u quddiem l-Avukat tieghi"* minghajr ma jsemmi lil Melanie Pace. Il-Qorti tirrileva li diga sabet illi x-xhieda tar-rikorrent m'hijiex kredibbli peress illi hija mizghuda b'kontradizzjoni serji u li l-verzjoni tieghu hija nverosimili. Illi di piu, galadarba kien hemm Anton Schembri u l-avukat tieghu presenti ghall-iffirmar ta' dan il-kuntratt, kien ikun verament facli ghar-rikorrent illi jikkorrobora t-tezi tieghu illi Melanie Pace kienet prezenti u tat il-kunsens taghha (haga li semma biss konvenjentement wara illi qamet din il-kwistjoni tan-nuqqas ta' kunsens tal-intimata), billi jipproduci li imqar wiehed minn dawn il-persuni bhala xhieda. Ir-rikorrent naqas milli jaghmel dan minkejja illi l-kawza damet ghall-provi tieghu ghal kwazi sentejn, u ghaldaqstant, *imputet sibi*.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi l-kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni saret minghajr id-debitu kunsens tal-intimata Melanie Pace, u ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 1327 (b), il-pretensjoni vantata mir-rikorrent, (u dan apparti minn nuqqas ta' affidabbilita' tal-verzjoni tar-rikorrent), ma hijiex dejn tal-komunjoni tal-akkwisti.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrent kontra Jonathan Pace peress illi jinsabu gja decizi permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta' Gunju 2015, moghti fil-Proceduri ta' Falliment ta' Jonathan Pace (Rikors numru: 585/2013) fejn gie deciza illi l-pretensjoni tar-rikorrent kontra Jonathan Pace hija gustifikata, u filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimata, tiddikjara illi l-pretensjoni tar-rikorrent m'hijiex dejn tal-komunjoni tal-akkwisti ta' Jonathan u Melanie Pace, u ghaldaqstant tichad it-talbiet tieghu fil-konfront ta' Melanie Pace.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**